## Insiru nafu aħjar lil...

**sensiela koordinata minn Raymond Miceli li tlaqqagħna ma' nies li huma konnessi mal-media jew mad-dinja tal-arti u l-ispettaklu**

# MARIO AZZOPARDI

**Isem u kunjom –** Mario Azzopardi.

**Data tat-twelid –** 11 ta' Settembru 1944.

**Lokalità fejn toqgħod –** Il-Gżira.

**X'inhi l-konnessjoni tiegħek mal-*media* jew mad-dinja tal-arti u l-ispettaklu (agħti dettalji) –** Karriera twila li inkludiet xogħol għat-televiżjoni, l-aktar teledrammi klassiċi meta kien għadu ma daħalx il-kulur u għall-ġurnali, b'aċċent fuq l-aspetti kulturali/artistiċi. Kont wieħed mill-ewwel diretturi Maltin fl-Akkademja tad-Drama tat-Teatru Manoel. Għallimt l-Arti, il-Letteratura u t-Teatru għal bosta snin fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji tal-istat. Illum ngħallem it-teorija tat-teatru fl-Università u nikkoordina ċ-Ċentru tad-Drama ta' Malta. Mexxejt bosta proġetti ta' teatru komunitarju f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, fost-hom fl-Italja, Franza, l-Ingilterra, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija. Ikkoordinajt ukoll l-ewwel festival ta' arti Maltija f'Moska (1990), meta kont nokkupa l-kariga ta' direttur artistiku taċ-Ċentru Kulturali Sovjetiku. Bejn l-1987 u l-1992 kont id-direttur artistiku ta' Politeatru u bejn l-1998 u l-2005 iffurmajt parti mill-P*olicy Unit* għall-Kultura fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura. Niehu ħsieb ir-rubriki dwar il-*media* ta' *In-Nazzjon* u *il-Mument.* Ili nippubblika antoloġiji kollettivi personali sa mill-1968 u rċevejt tliet darbiet (fl-1997, fl-2008 u fl-2010) premju nazzjonali għal-letteratura.

**Jekk l-affarijiet imsemmija fit-tweġiba ta' qabel mhumiex l-impjieg ewlieni tiegħek, x'tagħmel aktar? –** Professjonalment jien iggradwajt bħala għalliem tal-Arti u l-Letteratura, imma għallimt diversi suġġetti oħra kull meta kien hemm bżonn is-servizzi tiegħi.

**Għandek xi delizzji? –** M'għandix żmien għad-delizzji imma l-materji li jinvolvuni nidħol għalihom, kienu x'kienu, b'passjoni kbira. Għandi passjoni partikulari għall-qari ta' kull tip, imma l-aktar għal dak li hu innovattiv u kontemporanju. U nikteb b'mod kompulsiv, minn poeżiji sa stejjer qosra u skritti ta' teatru soċjali.

**L-aktar ħaġa li tatek sodisfazzjon f'ħajtek sa issa –** L-aspetti kollha tal-letteratura u l-arti performattiva, imma b'mod partikulari ngħożż ir-relazzjoni eċċellenti li dejjem kelli mal-istudenti tiegħi. Tgħallimt ħafna mingħandhom u nebbħuni kreattivament.

**Xi ħaġa li ddejqek –** Lili jdejquni ħafna ħwejjeġ għax għandi natural kritiku. Imma l-aktar li jdejquni huma d-diżonestà u l-medjokrità. Lanqas m'għandi sabar għal kull xorta ta' fundamentaliżmu.

**Esperjenza li għaddejt minnha, pożittiva jew negattiva, u li thoss li minnha tgħallimt ħafna (agħti dettalji) –** Tgħallimt nassessja lili nnifsi emottivament bi prezz għoli. Warajja għandi tliet żwiġijiet li ma rnexxewx u tgħallimt li, fejn tidħol mara, għandi problemi relazzjonali. Għalhekk, dan ġegħilni nidħol fil-fond għall-evalwazzjoni bla ħniena tiegħi nnifsi. Mill-banda l-oħra, dejjem kelli relazzjoni stupenda maż-żewġ uliedi, li llum jgħixu fl-Awstralja.

**Il-fatt li tgħix fil-gżejjer Maltin, xi tħoss li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi –** Kelli diversi okkażjonijiet biex nitlaq u nibni ħajti xi mkien ieħor, imma għandi relazzjoni ta' mħabba-mibegħda ma' din il-gżira u ma naħsibx li qatt nasal biex nirrinunzjaha, minkejja li nikkritikaha mingħajr kompromess. Mentalment inħossni mbiegħed ħafna mill-platitudnijiet dojoq ta' Malta, mill-pettegolezzi tagħha, mill-aċċettazzjoni ta' dak li hu superfiċjali, vulgari u medjokri. Il-ħakma ta' Malta (f'waħda mill-poeżiji tiegħi qabbiltha mal-omm-brimba) taf tkun għanqbuta li tifga. Imma nħossni mqabbad mal-għeruq antiki tagħha, anki l-primordjalità tagħha. Naħseb li x-xogħol letterarju tiegħi dan l-element aljen jesprimih bil-wisq aħjar milli qed nesprimih hawn, f'dawn il-ftit linji.



IR-RITRATT FAVORIT TIEGĦEK LI FIH TIDHER INT — Dan ir-ritratt meħud fl-1980 u fih jien nidher flimkien ma' binti Shalom u ibni Yevgeni. It-tnejn illum jgħixu l-Awstralja iżda bejnietna bqajna nikkultivaw relazzjoni tassew eċċellenti



**Liema hu s-sors favorit tiegħek li minnu ssir taf l-aħbarijiet: il-gazzetta, it-televiżjoni, ir-radju, l-internet, u għaliex? –** Jien qatt ma stajt ngħaddi mingħajr gazzetti u mingħajr televiżjoni, u issa lanqas ma ngħaddi mingħajr l-internet. Il-gazzetti għandhom għalija anki tifsira senswali: il-mod li nħosshom f'idejja, ir-riħa tagħhom, li nqallibhom b'ċerta devozzjoni. It-televiżjoni jissodisfali l-ħtieġa għall-viżiv, għax-xbihat imgħaġġlin, urġenti, drammatiċi. U l-internet hu l-*medium* tal-immedjatezza imma anki tal-approfondiment. Ir-radju għalija hu l-*medium* tal-karozza, it-terapija kontra d-dwejjaq tas-sewqan.

**Għalik xi jfissru dawn?:**

- **l-imħabba –** Hemm bosta għamliet ta' mħabba, minn emottivi sa mistiċi. L-ebda waħda għadni ma fhimt.
- **il-ħbiberija –** Element uman nobbli, imma rari ħafna u trid tkun lest għat-tradiment.
- **il-libertà –** L-ossiġnu indispensabbli li jagħti sens lil ħajti.
- **iċ-ċensura –** Se nitkellem dwar iċ-ċensura tal-arti. Din inqisha delitt li jitgħajjex minħabba l-medjokrità li teħtieġ l-awtorità morali biex tkun dominata l-kuxjenza u l-estetika. Iżda hemm bżonn li ċ-ċensura tinftiehem anki f'kuntest ta' libertà/responsabbiltà. Ngħidu aħna, ikun delitt mod ieħor jekk tittollera l-pornografija minorili jew ir-razziżmu.
- **ir-reliġjon –** Kodiċi jew sistema simbolika ta' poter "morali" li ħafna nies għandhom bżonn, anki għal raġunijiet ta' sigurtà psikoloġika. Iżda mhux neċessarjament tinkorpora l-ispiritwalità. Anzi, tista' tkun fanatika, oppressiva u perikoluża. Nara differenza suprema bejn ir-reliġjon u l-ispiritwalità. U ppermettili ngħid li Ġesù Kristu baqa' l-eroj tiegħi.
- **is-safar –** L-assessjar tad-dinamika umana f'kuntesti multiformi.
- **il-mewt –** Il-kundanna li twerwirni minħabba l-finalità inkontestata tagħha. U jien inħobb il-ħajja, minkejja kollox.

**Tixtieq issir taf aħjar lil xi personalità li hi involuta fil-media, jew fid-dinja tal-arti u tal-ispettaklu?**

**Ibgħat is-suġġerimenti tiegħek fuq raymiceli@gmail.com u nagħmlu mill-aħjar biex nikkuntentawk.**